

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għoddha ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 46/2014
tal-20 ta' Jannar 2014**

li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja

(ĠU L 16, 21.1.2014, p. 3)

Ikkoreġut minn:

► **C1 Emendi, ĠU. L 299, 17.10.2014, p. 32 (46/2014)**

▼B

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL
(UE) Nru 46/2014**

tal-20 ta' Jannar 2014

li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 8a(1) u 8a(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 765/2006.
- (2) Il-Kunsill iqis li r-raġunijiet għall-elenkar ta' persuna waħda kif stabiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 għandhom jiġu emendati.
- (3) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 għaldaqstant għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat kif stabiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

^(¹) REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja (ĠU L 134, 20.05.2006, p. 1).

▼B*ANNESS***▼C1**

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, l-entrata Nru 199 hija sostitwita minn din li ġejja:

▼B

	“Ismijiet Traskrizzjoni ta’ ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni ta’ ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar
►C1 199. ◀	Ternavsky, Anatoly Andreevich (Ternavski, Anatoli Andrievich Ternavskiy, Anatoly Andreye- vich)	ТЕРНАВС- КИЙ, Анатолий Андреевич	ТЕРНАВС- КИЙ, Анатолий, Андреевич	Data tat-twelid: 1950 PtT: Donetsk, Ukraina	<p>Persuna qrib membri tal-familja tal-President Lukashenka. Il-kumpanija tiegħu Uninvest-M hija dikjarata bħala msieħba tal-Klabb tal-Isports tal-President, u sa Mejuu 2011 kienet timpjega ħint il-President.</p> <p>Huwa jipprovdji appoġġ għar-reġim, partikolarmen finanzjarment, permezz ta' pagamenti mill-kumpanija Uninvest-M lill-Ministeru tal-Affarijet Interni, lill-Kumpanija (Statali) Bjelorussa tat-Televiżjoni u Radju, u lit-trejdjunjon tal-kamra tar-rappreżentanti tal-Assemblea Nazzjonalni.</p> <p>Huwa jibbenefika mir-reġim permezz ta' attivitajiet ta' negozju fuq skala kbira fil-Bjelorussia. Il-kumpanija Uninvest-M hija l-proprietarja ta' kumpanija sussidjaria, FLCC, li hija operatur ewljeni fis-setturi taż-żejt u tal-idrocarburi, anke bi proġetti dikjarati li ‘jsaħħu r-relazzjonijiet ta’ sħubija bejn il-Bjelorussia, il-Federazzjoni Russa, il-Każakstan u l-Ukraina’. Il-kumpanija Uninvest-M hija wkoll waħda mill-akbar kumpaniji għall-iżvilupp/tal-proprietà fil-Bjelorussia. Attivitajiet ta' negozju fuq tali skala ma jkunux possibbli fil-Bjelorussia mingħajr l-approvazzjoni tar-reġim Lukashenka.</p> <p>Huwa jgħin finanzjarment bħala sponsor bosta klubbs sportivi, permezz tal-kumpanija Uninvest-M, biex b'hekk jikkontribwixxi għal relazzjonijiet tajbin mal-President Lukashenka.”</p>